**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 463/2015*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**-vs-**

**Elton (Elton-Lawrence) Bowell, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 33076M**

**Illum:** 10 ta' Gunju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Elton (Elton-Lawrence) Bowell** u cioe` talli:

1. Nhar il-01 ta' Lulju, 2013, għall-ħabta tal-10:00 ta' filgħodu ġewwa Triq ir-Rinella, Kalkara, waqt li kien qed jagħmel użu minn vettura tal-marka DAF bin-numru tar-reġistrazzjoni CBT 157, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna il-mewt ta' Josephine Bartolo ta' 69 sena u detentriċi tal-Karta tal-Identita` bin-numru 150644M u dan bi ksur tal-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi il-piena stabbilita skont il-Liġi, jogħġobha tordna l-iskwalifika ta' kull liċenzja tas-sewqan ta' Elton (Elton-Lawrence) Bowell għal dak il-perjodu taż-żmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Illi fl-ewwel lok irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2013, l-istess kawza nbdiet f'Ottubru, 2015, u giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament preseduta. L-ewwel udjenza quddiem din il Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-1 ta' Frar, 2018, wara assenjazzjoni maghmula ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili moqri flimkien mal-Artikolu 520 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat,

Illi l-**Ispettur Robert Said Sarreo** spjega kif kien gie infurmat bis-sinistru u meta wasal fuq il-post sab it-*truck* bil-vittma ezattament warajh *"minduda bi dritt it-trakk u kienet cara li kienet ghadha kif ghadda trakk minn fuqha ghax kellha anke sinjali*

*tal-marki tat-trakk. Sfortunatament din anke kellha basket bl-affarijiet taghha li kienu anke mxerrdin mal-art….. Hi kienet ezatt wara r-rota tat-trakk. Fuq wara. Jigifieri kienet qeghdha fit-triq. Ma' kienetx qeghdha f' nofs it-triq. Hi kienet ezatt wara r-rota ta' gewwa, jigifieri tan-naha tal-bankina. Ma' kienetx ezatt f' nofs it-triq".* Kien jidher li kienet gja ghamlet certi passi fit-triq qabel ma ttajret.[1] L-imputat kien fi stat ta' paniku u ta' xokk.[2]

Illi **PS1051 Brian Joseph Cremona** xehed li wasal fuq il-post inqas minn zewg (2) minuti wara li dahal ir-rapport peress li kien patrol fl-inhawi. Ha hsieb jaghti lill-vittma u ppreserva x-xena sakemm bdew jasslu l-esperti tal-Qorti. L-imputat kien komoss u mgerfex.[3]

Illi **Dr. Mario Scerri** jikkonkludi li l-kadavru kellu lezjonijiet estensivi u huma kompatibbli ma lezjonijiet trawmatici vjolenti kagunati mit-*truck* imsemmi. Il-lezjonijiet kienu estensivi tant li l-vittma mietet mad-daqqa. *"Illi certament li Josephine Bartolo mietet kagun tal-griehi li garrbet waqt l-incident imsemmi."*[4] L-esperti patologisti jikkonfermaw li l-mewt tal-vittma kienet dovuta ghal *"multiple injuries following a motor vehicle accident".*[5]

Illi **Karen Cremona** in rapprezentanza ta' Transport Malta xehdet kif il-vettura DAF bin-numru ta' registrazzjoni CBT-157 kienet *'special purpose vehicle'* registrata f'isem il-kumpanija GreenLines Environmental Services Ltd. u kienet ilha hekk registrata sa mis-16 t'April, 2010. L-imputat kien licenzjat isuq vetturi privati u vetturi kummercjali ta' l-fuq minn 900 kilogramma.[6]

---

[1] Fol.192-193.
[2] Fol.192
[3] Fol.180
[4] Fol.38-39 tar-relazzjoni **Dok. MS** a fol. 39
[5] Fol. 136
[6] Fol.13 et seq.

Illi **Raphael Aquilina** li ghandu *snack bar* faccata tal-post fejn sehh is-sinistru xehed kif jum fost l-ohrajn semma l-ghajjat u ra lill-imputat fl-art hdejn it-*truck* idur u jghajjat. It-*truck* waqaf faccata tal-iskips.[7] **Graziella Chircop** xehdet li kienet tahdem fil-hanut ta' Aquilina. L-imputat dahal fil-hanut ippanikjat u talabha iccempel ghall-ambulanza ghax kien hemm *accident*.[8] Meta mitkellma mill-pulizija fuq ix-xena qalet li l-imputat kien qallilha *"tajjartha u nahseb qtiltha"[9];* kkonfermat li hi ma rat xejn mill-incident.[10] **Joseph Spiteri** spjega kif kien fil-hanut ta' Raphael xi 40-50 metru l-boghod minn fejn sehh is-sinistru izda ma kien rahx issehh. Kien ghamel kaxxex tal-kartun mdawrin mal-vittma sabiex ma jersqux nies lejha.[11] Fil-kors tal-a**ccess** mizmum fuq il-post tas-sinistru nhar is-6 ta' Novembru, 2018, gew riprodotti dawn ix-xhieda fejn Aquilina jikkonferma li ma ra xejn ghajr ghall-imputat li kien hareg mit-truck jghajjat u ma kien sema' l-ebda *brake*.[12] Chircop Cohen tixhed li l-imputat kien dahal fil-hanut jghidilha biex iccempel ghall-ambulanza *"ghax tajjartha"*.[13]

Illi gie esebit il-**Process Verbal No. 399/2015** li jittratta dan is-sinistru.

Illi l-**Perit Richard Aquilina** kkonstata li *"(ii)il-mudguard tal-plastic tas-single wheel zellug ta' wara kellu bicca mqatta minn naha t'isfel. Din instabet bejn iz-zewg skips.(iii) il-mudguard ta' fuq id-double wheel xellug fuq wara kellu t-trab fuq in-naha ta' fuq minsuh. (iv) fuq it-tyre ta' barra tad-double wheel xellug instabet roqgha zghira bid-demm u bix-xaghar."* Din hi indikazzjoni cjara li <u>l-impatt sehh fuq in-naha ta'</u>

---

[7] Fol.214-215
[8] Fol.230
[9] Fol.125
[10] Fol.234-235
[11] Fol.241
[12] Fol.251-253. Fol.274
[13] Fol.256-258

wara tax-xellug tat-truck fejn id-*double wheel*. **Karkura tal-vittma instabet bejn l-skips li kienu gholjin circa 1.60m.** L-espert arkitett jinkonkludi u jaghmel osservazzjonijiet importanti *"Ras il-katavru nsatbet 1.40m lura minn naha ta' wara tat-truck u 2.35m lura mic-centru tar-rota ta' wara. It-tyre ta' wara kellu dijametru ta' 1.1m u revoluzzjoni wahda tieghu hi ta' 3.46m. Ghalhekk ir-roti kienu ghamlu anqas minn dawra wahda minn fejn kienet ras il-katavru. Gie osservat li r-roti ta' quddiem, ta' l-isteering, kienu dritti u ghalhekk* ***it-truck kien miexi f'linja dritta."***[14]

Illi **Joseph Zammit**, espert tekniku, ghamel is-segwenti konstatazzjonijiet:[15] *"It-truck kien qed jinstaq fi Triq is-Salvatur u hekk kif dar fi triq ir-Rinella li tigi aktar taht Triq is-Salvatur fejn taht jinsabu skips wara xulxin bi spazju bejniethom. Illi bejn dawn is-skips instabet zarbuna tal-mejta u fuq barra tal-istess skips instabet imqacta bicca mill-mudguard tar-rota ta' wara tan-naha tax-xellug. Illi* ***t-truck instab fin-nofs tal-karreggjata aktar lejn il-lemin, lejn is-centre strip ezistenti****….ma nsatbet ebda hsara teknika li permezz taghha seta' gie kkagunat l-incident. Illi mill-provi li nstabu jidher li l-incident seta' gara meta l-anzjana Josephine Bartolo* ***harget minn bejn l-iskips waqt li t-trakk kien gja dahal fi triq ir-Rinella u li ntlaqtet mill-genb tax-xellug fuq wara nett****."*[16] Illi meta l-espert Zammit caqlaq it-truck, fuq id-*double wheel* ta' wara tan-naha tax-xellug sab tidlik u *body tissue*.[17] Ma kien hemm ebda *brake marks*.[18] Interessanti hu dak li jikkonstata l-abbli espert meta jghid: ***"Xejn aktar, la fuq quddiem, la fuq il-gnub u lanqas fuq il-warrani ta' dan it-trakk ma nstabet xi hsara ohra kompatibbli mall-incident****. Illi l-incident sehh fuq in-naha tax-xellug tat-track fuq wara, fuq ir-rota double wheel ta' wara tant li din ir-rota instabet imcapsa b'materjal ta' tissue u demm imsemmi u dan irrizulta meta t-trakk gie mcaqlaq fil-posizzjoni li fiha nstab waqt l-access."*. Zammit jkompli li

---

[14] Fol.44
[15] **Dok. JZ** a fol. 93 et seq.
[16] Fol.103-105
[17] Fol.97-98
[18] Fol.99

minn dak li seta' jigi konkluz fil-hin li t-truck kien qed jinstaq minn Triq ir-Rinella ghal go Triq is-Salvatur [*recte* minn Triq is-Salvatur ghal go Triq ir-Rinella][19] u *"**hekk kif dar [ghal go triq ir-Rinella], meta l-anzjana setghet kienet bejn l-iskips u kienet ser taqsam ghal fuq in-naha l-ohra ghal go Triq ir-Rinella, fejn sehh l-incident**. Prova indikattiva ta' dan instab il-mudguard tar-rota ta' wara nett tad-double wheel tan-naha tax-xellug meta parti minnu nstabet imqaccta hdejn l-istess skips."*[20]

Illi l-posizzjoni tat-truck lill hinn mill-bankina maghdud mal-fatt li l-uniku indikazzjoni tal-impatt kien fuq in-naha ta' wara hi ndikattiva tal-fatt li l-*pedestrian* baqghet hierga ghal got-triq hekk kif it-truck kien issorpassaha tant li ntlaqtet *"**mill-genb tax-xellug fuq wara nett**."*[21].

Illi l-espert **Mario Buttigieg** ikkonkluda li s-sinistru sehh hekk kif l-iscammel CBT-157 kien qed jigi misjuq minn Triq is-Salvatur u dahal ghal Triq ir-Rinella. Il-marki tat-tyres kienu tul il-gisem tal-vittma, indikazzjoni li t-truck tela' fuq il-gisem ta' Bartolo u jimplika li t-truck ghamel manuvra, *jerking,* li tindika li kien tela' fuq xi haga u ghalhekk ma kellu bzonn lil hadd jigbidlu l-attenzjoni. Madanakollu ma setghax jigi stabbilit minn fejn qassmet il-vittma ghax jekk din qassmet minn bejn l-iskips u harget mill-genb hu possibbli li s-sewwieq qatt ma seta' jaraha.[22] Fir-relazzjoni tieghu l-espert Buttigieg isemmi kif il-vittma spiccat 1.4 metri l-boghod minn wara tat-truck, id-distanza li l-istess truck lahaq saq wara l-impatt .[23] Ma kienx hemm *skid marks* jew *brake marks* fuq il-wicc tat-

---

[19] Dan jirrizulta kemm mill-preliminari tal-istess rapport kif ukoll mill-**Full Road Traffic Accident Report.** Ir-relazzjoni tal-espert Buttigieg ukoll tindika li t-truck hareg minn triq is-Salvatur u kien dahal fi Triq ir-Rinella (fol.51). Vide ukoll skizz tal-Perit Aquilina (fol.46 mehud flimkien mas-*site plan* (fol.47)
[20] Fol.100
[21] Fol.103-105
[22] Fol. 78
[23] Fol.58

triq.[24] L-uniku hsarat riskontrati fuq it-truck kienu fuq il-*mudshield* tan-naha tax-xellug.[25]

L-espert Buttigieg jghid hekk fir-rapport minn tieghu *"Illi l-evidenza tindika b'mod car li l-incident sehh meta l-iscammel jew gibed il-vittma* ***meta l-istess scammel kien qabez lill-vittma li kienet ghaddejja mal-gemb tat-triq jew inkella l-vittma stess dahlet that it-truck, jew anke waqghet waqt li kienet miexja u spiccat taht l-iscammel.*** *Dan hareg manifestament car peress li l-point of impact sar meta parti mill-mudshield inkiser u l-parti milquta instabet hdejn l-iskips li qeghdin fit-triq. Fuq il-post saret mechanical fit li qabblet perfettament. Irrizulta wkoll li kien hemm bicciet tal-body tissues tal-vittma li kienu mwahhlin mat-tajer….<u>jekk il-vittma qassmet mill-kantuniera ezatt ghaldaqstant il-vizibilita` tas-sewwieq tat-trakk ma kienitx ristretta, izda</u>* ***jekk il-vittma qasmet mil-punt ta' bejn l-iskips jew minn wara l-vettura li kienet ipparkjata [xi metru l-fuq mill-ahhar skip]***[26]***hawn il-vizibilita` tas-sewwieq kienet tkun ristretta ghall-ahhar u s-sewwieq tal-iscammel ma kienx ikollu tort."***[27]

In kontro-ezami wara li gie kkunsidrat dak li rrizulta mill-access minn din il-qorti kif preseduta fis-6 ta' Novembru, 2018, l-espert Buttigieg jikkonferma li *"**l-vittma l-aktar li kienet kwazi ma' genb l-iskips**, waqt li l-iscammel kien ftit iktar l-isfel….. <u>Jekk qassmet minn bejn l-iskips le, l-iskips kienu jostakolaw il-vizibilita`"</u>* <u>ghalkemm baqa' ma giex determinat b'certezza il-punt minn fejn qassmet il-vittma</u>. Gie eskluz ukoll li l-iscammel tela' fuq il-bankina *"No fl-ebda mument, l-ewwelnett, li tela' fuq il-bankina, … it-tarf tal-bankina bid-daqqiet u anke seta' kien hemm tyre marks, kien hemm l-arblu, kieku l-arblu kien ikollu xi tip ta' hsarat*

[24] Fol.59
[25] Fol.74
[26] Vide fol.173
[27] Fol.75

*bilfors u kien anke jitghawweg ghax qed nitkellmu dan track"*[28]. Ikompli fid-dawl tal-provi prodotti u tal-ahhar access: ***"Jien ghalija l-vittma b'xi mod qasmet jew minn bejn il-karozzi jew minn bejn l-iskips, intlaqtet mal-genb tat-trakk** ghax quddiem lanqas kien hemm xi tip ta' hsara etc, lanqas kien hemm demm mat-tyres…. [id-daqqa] No it is not frontal way, <u>it was sideways</u>….".* Fl-opinjoni tal-espert, kondiviza anke mill-Qorti in vista tal-fatt li t-truck ma kellu l-ebda hsarat ghajr ghal mat-*tyre* ta' wara, hi indikazzjoni li ***"l-impatt sar meta t-trakk kien diga skorriha"***[29] Buttigieg jerga' jikkonferma li **f'kaz li l-vittma qasmet minn wara karozza jew minn bejn l-iskips, l-imputat kellu l-vizzwali tieghu ristretta:**[30] *"Il-vizibilita' tieghek tigi limitata hafna, inti trid tiehu in konsiderazzjoni it-tul tal-vittma li qasmitlek minn bejn ostakli u anke hu meta jkun ghaddej u d-driver dejjem ikun mohhu x'hemm quddiemu mhux x'hemm fil-gnub…. ghax jekk inti qed thares il-quddiem, int mhux ser thares il-hin kollu lejn il-mera, int thares lejn it-triq specjalment… Plus li ser taqbad ir-roundabout li trid thares lejn il-karozzi li jkunu gejjin fuq in-naha tal-lemin tieghek."*[31]

In ri-ezami meta mistoqsi jekk ir-roti ta' quddiem hux ser izommu l-istess linja ma dawk ta' wara jispjega *"Meta ghandek karozza kbira, dak il-kobor, ha jkollok id-differenza…. Hu ha jigbed fuq in-naha tal-lemin tieghu, il-kontra… Imbaghad ir-roti ta' wara ha jigbdu dak li jigbdu ta' quddiem … it-turning circle ser tkun differenti ghax ha jkollok kervjatura … Id-driver xorta hemm imnejn li ma jarahiex xorta ghax hi giet fil-punt li giet tinsiex mela ghandek il-pedestrian qed timxi, hu ghaddej iktar mghaggel mill-pedestrian… issa hi <u>tista' tkun li waslet qeghda fuq il-bankina, giet mghottija minn bejn l-iskips li kien hemm…Jew xi karozza li kien hemm, issa sakemm hu ghaddej, hi lahqet dahret u hemmekk sar l-impatt, sar l-impatt mal-genb pero'</u>"*[32] Jerga' jemfasizza

[28] Fol.294
[29] Fol.295
[30] Fol.296
[31] Ibid.
[32] Fol.297-298

li **l-impatt sar kwazi mar-roti ta' wara.** Eskluda li l-vittma tkaxkret *"pjuttost ingibdet iktar lejn in-naha tal-kantuniera ghax imbaghad ir-roti jarmuk lura iktar milli l-quddiem"*. Fl-ahhar tad-deposizzjoni tieghu jiddikjara li **jidher li l-vittma qasmet mill-genb tal-iskips *"Hi qasmet meta t-trakk lahaq ghadda."***[33]

Illi dettal iehor hu l-posizzjoni fejn instabet il-karkura tal-vittma, propju bejn l-iskips. Ma jirrizultax li din giet mpoggiha taht il-bankina sakemm waslu l-pulizija (is-Surgent Cremona li ppreserva x-xena wasal inqas minn zewg minuti wara li sar ir-rapport)[34] jew is-*scene of crime officers*, tant li anke l-basket taghha thalla hdejn il-kadavru.[35] Dan id-dettal ikompli jikkorobora il-konkluzzjoni milhuqa kemm mill-espert Zammit kif ukoll mill-espert Mario Buttigieg li l-probbabilita` kienet li l-**vittma qasmet minn bejn l-iskips.** Jibqa' l-fatt li dawn l-iskips kienu mimlijin skart[36] u skond il-Perit Aquilina kienu **circa 1.6m gholjin**[37] filwaqt li il-vittma kienet **ta' statura irqieqa ta' *"158cm in height"***[38] – iqsar mill-gholi tal-iskips!

Mill-posizzjoni indikata fuq l-iskizz formanti mir-rapport tal-Perit Aquilina[39] jirrizulta bic-cjar li t-truck kien f'nofs il-karreggjata aktar lejn is-*centre strip* kemm xejn distanti mill-bankina fejn kien hemm l-iskips; l-vittma lejn in-nofs tal-karreggjata wara it-truck. Dan jikkorobora l-konkluzjoni tal-espert Buttigieg li **t-truck kien lahaq skapulaha meta ingibdet minnu**. Ma jridx jintnesa` tenut kont dak mistoqsi Buttigieg in ri-ezami dwar id-direzzjoni tat-truck li l-abbli perit arkitett jikkonkludi wkoll *"ir-roti kienu ghamlu anqas minn dawra wahda*

[33] Fol.300
[34] Fol.177
[35] Fol.156
[36] Vide fol.164, 165, 173
[37] Fol.44
[38] **Dok.MTC** a fol.135
[39] Fol.46

*minn fejn kienet ras il-katavru. Gie osservat li r-roti ta' quddiem, ta' l-isteering, kienu dritti u ghalhekk* ***it-<u>truck kien miexi f'linja dritta</u>.*** *"*[40]

Ghalhekk kemm il-darba harget minn bejn l-iskips jew minn bejnhom u t-Toyota Vitz ipparkjata mal-istess bankina, xi metru l-fuq mill-ahhar skip,[41] l-iskips infushom kienu ser jaghtuha mill-vizzwali tas-sewwieq Bowell.

Illi issa li gew kkunsidrati l-provi, il-Qorti ser l-ewwel tghaddi biex tikkunsidra l-gurisprudenza dwar ir-reat ravvizat bl-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI</u>

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri**:[42]

Fil-fatt artikolu 225 jitkellem fuq "*nuqqas ta' hsieb, traskuraggni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti" ......*

Fid-dottrina u l-gurisprudenza kontinentali jezistu zewg teoriji partikolari dwar il-kuncett ta' negligenza: it-teorija oggettiva u dik suggettiva. L-ezami ghat-teorija oggettiva mhux wiehed li hu mmirat biex jistabilixxi jekk il-persuna ipprevedietx jew setghetx tipprevedi dak l-incident partikolari tal-kaz izda jekk l-agir ta' dik il-persuna jaqax taht l-obbligu ragjonevoli ta' attenzjoni li kull persuna fis-socjeta` hija prezunta li ghandu jkollha f' cirkostanza partikolari. Min-naha l-ohra t-teorija suggettiva tenfasizza fuq kemm wiehed ikun vigilanti bil-limitazzjonijiet tieghu personali f' dak il-kaz partikolari.

Ghalkemm il-legislatur naqas milli jaghti spjegazzjoni tat-termini "nuqqas ta' hsieb u traskuragni", madanakollu l-Qrati taghna dejjem interpretaw dawn it-termini bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f' cirkostanza partikolari. Tali interpretazzjoni taghmel sens hafna iktar meta tikkunsidra li l-Kodici taghna huwa bbazzat fuq il-Kodici Taljan tal-1889 fejn l-ezami ta' negligenza huwa wiehed suggettiv.

*Di piu'* il-gurista **Sir Anthony Mamo**, fin-Noti tieghu, jistipula illi ghalkemm il-legislatur jonqos milli jaghti definizzjoni ta' dawn it-termini pero' "**it is clear that by them the law means generally the absence of**

[40] Fol.44
[41] Vide fol.173
[42] Per Onor. Imhallef Edwina Grima, Deciza 28.02.2018

**such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances."** Il-Professur Mamo kompli jsostni li **"the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen".**[43]

Din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ' **Il-Pulizija vs Richard Grech'**[44] gie deciz li l-kuncett ta' traskuragni jimplika **"certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali."** Ghaldaqstant skond l-insenjament tal-gurisprudenza nostrana, li llum il-gurnata hija ormai wahda palesi, sabiex l-appellanti setghet tinsab hatja li saqet b' nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni, kien jehtieg li tali hsara tkun preveddibli, ghalkemm mhux prevista.

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ' **Pulizija vs Perit Louis Portelli'**[45] gie stipulat li:

**"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f' nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b' ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.**

**Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f' kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal- kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall- gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 t' Ottubru 2012 fl-ismijiet **: Il-Pulizija v Peter Stroud**[46], il-Qorti ccitat dak illi qal **Archbold** fil-*' Criminal Pleading, Evidence and Practice*':

**"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness. . . Probably, of all the epithets that can be applied "reckless" most nearly covers the case ... but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment..."**

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aaron Camilleri et**:[47]

---

[43] Lectures in Criminal Law, Volume 1
[44] Deciza nhar il-21 ta' Marzu, 1996 per Onor. Imhallef V. DeGaetano
[45] Deciza nhar l-4 ta' Frar, 1961 per Onor. Imhallef J. Flores
[46] Per Onor. Imhallef M. Mallia
[47] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras, 25.04.2014, Kump. Nru 609/1993

"Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."[48]

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b' "leggerezza" jew "sconsideratezza"[49] u kif jghid **Antolisei**, "L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui".[50] U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano**, "Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela."[51] Bl-istess mod, fissentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, fuq citata inghad illi "L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-**Manzini**: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto".[52]

Skond l-imsemmija sentenza, "**Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni." Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-**

[48] **Carrara F.**, "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.

[49] **Dizionario Zingarelli,** (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", **Nicola Zingarelli** (Edizzjoni 12, Gunju 2001).

[50] **Antolisei F.**, "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.

[51] **Novissimo Digesto Italiano**, Vol. III, p. 548.

[52] **Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg**, fuq citata

**Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn**.
[emfazi tal-Qorti]

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi "The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (**Carrara,** Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.""[53]

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) **Il-Pulizija vs Alexander-Roger Manche** ntqal:[54]

Illi l-imputat jinsab akkuzat kif diga inghad iktar 'il fuq bir-reat tal-omicidju involontarju. Illi madanakollu l-Qorti tistqarr illi dana il-kaz kien iktar kumpless minn kawzi ohra ta' reati ta' natura involontarja billi jitratta dwar allegat zball kommess minn professjonista fil-kors tal-ezercizzju tal-professjoni tieghu. Kwindi il-Qorti trid necessarjament tinvestiga mhux kwalsiasi eghmil maghmul minn bniedem fil-hajja ordinarja, izda eghmil ta' natura professjonali u l-grad ta' responsabbilta mistennija minn min ipprepara ruhu u ipprezenta ruhu biex jagixxi f'dik il-professjoni partikolari…….

Illi r-reat involontarju gie trattat b'mod kopjuz fil-gurisprudenza taghna u l-elementi li isawwru dana ir-reat gew studjat *funditus* fejn gie spjegat il-kuncett tal-kulpa fil-ligi Maltija. …….

Illi l-gurisprudenza izzid ukoll illi ma' dawn l-elementi irid ikun hemm necessarjament l-element ta' preveddibilita' u cioe' illi l-agent jonqos volontarjament milli jagixxi b'diligenza tant illi b'tali agir ikun prevedibbli (u mhux previst) li jista' isehh l-event dannuz. Illi **Francesco Antolisei**, fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale jghid hekk:

"***Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: "La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevediblli del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'.***"

Illi din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Richard Grech** (21.03.1996), gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-

[53] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.
[54] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Per Onor. Magistrat Edwina Grima; Deciza 6 t'Awissu, 2013

affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta…….

Illi minn dina l-gabra ta' dottrina u gurisprudenza, jirrizultaw ghalhekk is-segwenti elementi essenzjali li iridu jissussistu sabiex tinstab htija ghar-reat ta' natura involontarja:

1. **azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u non-kuranti.**
2. **ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas taghha u l-event dannuza.**
3. **l-element tal-prevedibbilita'**

Ikkunsidrat,

Illi stabbiliti dawn l-elementi legali, kwindi, din il-Qorti trid tara jekk l-imputat:
1. kienx negligenti, imprudenti u non-kuranti fl-agir tieghu.
2. jekk dana jirrizulta, jekk kienx hemm ness bejn dana l-agir tieghu u l-event dannuz.
3. jekk il-hsara kenitx wahda prevedibbli.

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joelle Falzon**, il-Qorti ghamlet ezami *funditus* dwar l-obbligi tas-sewwieq izda ukoll tal-*pedestrian*:[55]

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri per. Imhallef J.Galea Debono) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Brincat** deciza fit-22 ta' Novembru 2007 il-Qorti tkellmet kemm dwar ir-responsabbilta' tas-sewwieq kif ukoll dwar l-obbligi tal-*pedestrian* meta huwa jigi biex jaqsam it-triq u stqarret:

""*Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."*
(App. Krim. **"Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud"** [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :-

*"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoni ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ."* (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana"** [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

---

[55] Qorti tal-Magistrati (malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D., Deciza 25 ta' Marzu, 2014.

*"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza."* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. George Muscat"** [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

Gie ukoll ritenut li "*ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.." "Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghad dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva."* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Formosa"** Kollez. XLIII, p.iv. p.1023). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. *"meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat"* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Thornton"** Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)."

Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet:

"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-*pedestrian* meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet

> a) "*che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*
> *b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*
> *c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*"

Il-Qorti kompliet tghid:

"Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella" -** [10.8.1963] ) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].

Illi mbaghad, anki kieku l-*pedestrian* forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam," (f'dana il-kaz il-vittma kienet mara) "dan ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex …. f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-*pedestrian* f' dan il-kaz. (Ara

Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano**"[3.11.1963]**"Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud"** (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-*"contributory negligence*" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim." **Il-Pulizija vs P.Vassallo",** [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]).

Umbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-*pedestrian*, dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar."

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Spiteri**: "Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. (sottolinjar ta-Qorti). Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."

Illi dwar ir-responsabbilta' tal-*pedestrian*, l-Highway Code ighallimna illi meta nigu biex naqsmu triq ghandhom jigu imhares is-segwenti regolamenti:

> 23. *Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk iħallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun ġej xi ħadd. Tersaqx qrib ħafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk żomm lura mit-tarf tat-triq iżda kun żgur li tista' tara t-traffiku li jkun ġej u li t-traffiku jkun jista' jara lilek*.
>
> 24. *Ħares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistgħu jiġġu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, għax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah*.
>
> 25. *Jekk tkun ġejja xi vettura, ħalliha tgħaddi. Erġa' ħares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugħ mingħajr periklu fit-traffiku u inti tkun żgur li hemm ħafna ħin. Ftakar, anke jekk vettura għadha 'l bogħod, tista' tkun riesqa b'veloċità kbira*.
> 26. *Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq, tigrix, tmurx lagenba. Ibqa' hares u issemma' ghat-traffiku waqt li tkun qed taqsam, fil-kaz li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-kaz li jitfaccja xi traffiku ghall-gharrieda*. (sottolinjar tal-Qorti)

Issir riferenza ghas-sentenza wkoll ghal **Il-Pulizja vs Alan Agius**:[56]

L-awtur **Gibb** fil-ktieb tieghu "Collisions on Land" (section 148) jghid: "If the plaintiff was struck immediately after he stepped off the kerb onto the roadway, the position is the same as in the case of his attempting to cross a street, the Court may refuse to believe that he had looked and failed to see the car. If, however, the plaitiff walked quite a distance before he was struck, it is less likely that the accident was unavoidable on the part of the motorist."

F'dan il-kaz il-vittma lahaq qasam bicca sew mit-triq qabel ma ntlaqat mill-vettura fi triq illi kienet imdawwla sew u ma kien hemm l-ebda raguni il ghala l-appellant ma kellux jinduna bil-vittma kwazi magenb il-

[56] Appell Kriminali, Deciz 11 ta' Lulju, 2013

karozza tieghu. Fil-fatt l-appellant lanqas induna b'xejn il ghaliex huwa irrealizza illi seta' gara xi haga meta hass id-daqqa mal-karozza fuq in-naha tal-lemin tieghu fejn allura kollox kien in plain view u ma kien hemm l-ebda ostakolu bejn il-pozizzjoni tas-sewqan tieghu fuq il-lemin u l-vittma tavvicina minn fuq illemin illi ma jarax il-vittma f'distanza daqshekk qasira. Anki li kieku l-appellant kien mohhu fil-pelican lights, b'daqshekk ma jfissirx illi ma kellux jinduna bil-vittma tersaq lejh proprju min-naha tas-sewqan tieghu.

L-appellant jista' jargumenta illi l-vittma wettaq certa nuqqasijiet meta qasam it-triq fi stat ta' sokor. Dana, però, mhuwiex ta' konfort ghall-appellant. Fil-kawza **Said versus Fountain** (Vol. LXLII, part 1, pagna 15) il-Qorti qalet, "F'materja ta' danni kagunati f'incident tat-traffiku, xejn ma jiswa biex jezenta minn kull responsabiltà lill-awtur taddanni l-fatt li l-attur li jfittex id-danni kien kontraventur meta gie investit minn karozza, u li l-kontraventur ma jimmeritax il-protezzjoni tal-ligi, ghaliex hu principju ormai pacifiku fil-ligi li min qieghed isuq karozza ghandu juza lmezzi kollha biex jigu evitati l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' haddiehor; u jekk ma juzax dawn il-mezzi, huwa jkun legalment responsabbli avolja hu jkun qieghed josserva rigorozament ir-regolamenti." (ara ukoll XXVII, part 1, pagna 988; XXIV, part 4, pagna 740; XXX, part 4, pagna 616, 625). L-istess jinghad fil-kawza **Il-Pulizija versus Mifsud** (XXXVIII, part 4, pagna 859) "Anke fl-assenza hawn Malta, ta' regolamenti li jiddixxiplinaw lill-pedestrians hu cert li, anki meta jkun fil-carriageway il-pedestrian huwa intitolat ghall-uzu ta' diligenza ordinarja mill-parti tad-drivers f'dik il-carriageway. Il-pedestrian li jaqsam ittriq ghandu d-dritt kollu li d-driver juza d-diligenza mehtiega biex jevitah, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement, u d-driver ghandu jkun ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian."

Illi ma gie riskontrat l-ebda nuqqas fis-sewqan tal-imputat fis-sens li l-vittma ittajjret kawza tas-sewqan imprudenti jew traskurat minn tieghu minhabba li ma kienx qed izomm *'a proper lookout'*. Il-provi manifestament wasslu l-Qorti tiddeciedi li l-imputat m'ghandux x'jirrispondi ghall-mewta tragika tal-vittma li ma jirrizultax li qatt kienet *'in plain view'* qabel ma dan laqatha.

Ghalkemm baqa' ma giex pruvat precizament minn fejn qassmet il-vittma, gie determinat sal-grad tal-konvinciment morali li meta il-vittma qasmet it-triq it-truck kien diga skapulaha u ghalhekk ma setghetx tkun fil-vizzwali tieghu.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan l-insenjament u tar-rizultanzi processwali ma gie ppruvat lanqas remotament li l-imputat kien traskurat, imprudenti jew negligenti fl-ghemil tieghu.

Għaldaqstant abbażi tal-motivi hawn fuq miġjuba, l-Qorti ma tistax ħlief tillibera lill-imputat mill-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu fuq nuqqas ta' provi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**